## 29 ta' Marzu, 1957

Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., President;

Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;

Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Grazia Camilleri *versus* Antonio Sciberras

### Ġudikat —Motivazzjoni u Dispożittiv tas-Sentenza

***Hemm lok għall-eċċezzjoni tal-ġudikat anki meta l-meritu tal-kawża, għalkemm distint minn dak tal-kawża ta' qabel, jifforma parti mill-istess ħaġa, jekk il-punt kontrovers ikun l-istess; u hemm ġudikat impliċitu meta d-deċiżjoni tkun konsegwenza neċessarja tal-motivazzjoni espressa, billi l-volontà tal-ġudikant tista' tittieħed anki mill-konsiderandi tas-sentenza. Għax meta dawn il-konsiderandi juru b'mod ċar li l-ġudikant irritjena mhux fondata xi eċċezzjoni, ikun jidher li hu espliċitament irrespinġiha, għalkemm id-dispożittiv ma jsemmi xejn fuqha, billi dan ma għandux jittieħed separatament mill-motivat.***

*Konsegwentement, meta l-pretensjoni dedotta fil-kawża hija inkompatibbli ma' sentenza preċedenti bejn l-istess partijiet, hija ħaġa evidenti illi, jekk l-istess pretensjoni tiġi ritenuta fondata, dan isir kuntrarjament għal dak li ġie ritenut bl-ewwel sentenza, li b'hekk tiġi newtralizzata — ħaġa din legalment inammissibbli, billi r-rabta tal-ġudikat hija talment effikaċi, li tosta, u hija appuntu ntiża biex tovvja, għal dak l-istat ta' inkompatibbilità.*

Il-Qorti;—Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li biħ l-attriċi, wara li tippremetti illi hija tippossjedi l-post numru 58 u 60, qabel numri 114 u 116, Eucharistic Congress Street, Mosta, u l-konvenut jippossjedi l-post numri 54 u 56, qabel numri 118 u 120, fl-istess trieq; u illi l-konvenut inkorpora mal-fond tiegħu fuq imsemmi ż-żewġ kmamar li jinsabu fuq il-ħanut tal-fond tagħha u li kienu jiffurmaw parti mill-fond tagħha fuq imsemmi, u ħa wkoll taħt idejħ il-kantina li hija wkoll proprjetà tagħha, għax tifforma parti mill-istess fond tagħha fuq imsemmi, u illi l-konvenut għalaq iż-żewġ twieqi li kienu jeżistu fil-ħajt diviżorju li jaqsam il-beni fuq imsemmija tal-kontendenti; titlob illi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u l-provvedimenti opportuni, jiġi dikjarat u deċiż li l-imsemmijin kantina u żewġ kmamar huma ta' proprjetà tagħha, billi jiffurmaw parti integrali mill-fond tagħha fuq imsemmi numri 58 u 60 Eucharistic Congress Street, Mosta; u l-konvenut jiġi kundannat jiftaħ it-twieqi fuq imsemmija; u dan fi żmien qasir u perentorju; u fil-każ li jonqos, hija tiġi awtorizzata li tagħmel ix-xogħol hija spejjeż tal-konvenut. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, li ġie nġunt biex jidher għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fis-27 ta' Ġunju 1956, li biha, prevju akkoljiment tal-eċċezzjoni tal-ġudikat sollevata mill-konvenut rigward it-tieni pretensjoni tal-attriċi, irrespinġiet it-talbiet dedotti mill-istess attriċi, bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi erbgħa huma l-pretensjonijiet tal-attriċi:— (1) Li hija hi l-proprjetarja tal-kamra "N", il-lum formanti parti mil-pjan superjuri tal-fond tal-konvenut numru 56 Eucharistic Congress Street, Mosta; (2) li hija l-proprjetarja tal-kantina li tiġi taħt l-ambjenti A. B. u C. fil-fond tagħha numri 58 u 60, u li l-lum tidħol għaliha minn taraġ fil-fond tal-konvenut numru 56 u minn bokkaport tal-injam li jagħti għall-kamra "A" tagħha; (3) li l-konvenut għalaq tieqa li kienet tagħti mill-kantina għall-bitħa "E"; (4) li l-konvenut għalaq tieqa li kienet tagħti mill-kamra "A" għall-bitħa "E". Għall-ambjenti markati bl-ittri kapitali tingħamel riferenza għall-pjanta eżibita fil-fol. 99 tal-proċess;

Illi l-perizija legali ġiet għal dawn il-konklużjonijiet: l-ewwel pretensjoni timmerita li tiġi miċħuda; it-tieni pretensjoni timmerita li tiġi milqugħa fis-sens biss li l-attriċi tiġi dikjarata komproprjetarja ta' nofs indiviż tal-kantina; it-tielet pretensjoni timmerita li tiġi milqugħa fis-sens biss li l-konvenut jiġi kundannat iwessgħa t-tieqa għad-dimensjonijiet tagħha oriġinali, u ċjoè ta' 6 u ⅓ piedi kwadri; ir-raba' pretensjoni timmerita li tiġi miċħuda;

Illi l-konklużjoni tal-perizja legali b'rigward tal-ewwel pretensjoni tal-attriċi għandha tiġi milqugħa. L-attriċi tibbaża prinċipalment din il-pretensjoni tagħha fuq il-kliem li Maddalena Schembri, l-awtriċi tagħha, kienet tgħid lilha u lill-żewġha, jiġifieri li ħuha Nicola Schembri, awtur tal-konvenut, kien ħadilha dik il-kamra "N" u nkorporaha mal-fond tiegħu, u illi hija kienet ipprotestat fuq dan ma' ħuha Nicola. Issa, għalkemm Maddalena Schembri setgħet ipprotestat ma' ħuha Nicola rigward din il-kamra, kif qalet lil Gio Maria Camilleri, ir-raġel tal-attriċi, hija però qatt ma pproċediet ġudizzjarjament kontra tiegħu biex dik il-kamra jagħtijhielha lura; mhux biss, imma, kif tajjeb ġie rilevat mill-perizja legali, fil-kuntratt tad-diviżjoni fl-atti tan-Nutar Giovanni Chapelle tal-10 ta' April, 1933, Maddalena Schembri assenjat lill-ħuha Nicola l-fond 118 u 120, li l-lum huma

mibdula f'dawk 54 u 56, Eucharistic Congress Road, Mosta, kif kien dak iż-żmien, jiġifieri bil-kamra "N" miegħu; u dan għamlitu mingħajr deduzzjonijiet u mingħajr riżervi. Li dik il-kamra "N" fiż-żmien ta' dak il-kuntratt ta' diviżjoni kienet tifforma parti mill-fond 54 u 56 jirriżulta mix-xhieda ta' Michele u Loreta miżżewġin Galea, li jgħidu li dik il-kamra minn iżjed minn tletin sena 'l hawn dejjem kienet tifforma parti minn dak il-fond. Għalhekk, Maddalena Schembri ppreġudikat id-drittijiet li seta' kienu jeżistu dak iż-żmien favur tagħha meta għamlet dik l-assenjazzjoni lill-ħuha Nicola b'dak il-kuntratt. U, kif a propożitu ġie ukoll osservat mill-perizja legali, meta għamlet dik l-assenjazzjoni Maddalena Schembri ma setgħetx kienet qegħdha taġixxi taħt mal-intiż, għaliex...... Jekk Maddalena Schembri kellha, għalhekk, xi pretensjonijiet fuq il-kamra "N", iż-żmien meta setgħet tqanqalhom kien appuntu dak qabel ma jsir il-kuntratt tad-diviżjoni; u ladarba hija għażlet li tħalli kollox għaddej u tersaq għall-kuntratt tal-qasma, ma tistax, la hi u lanqas l-attriċi, suċċeditriċi tagħha, jerġgħu jmorru lura fuq dak li suppost kellu jsir imma ma sarx;

Illi għat-tieni pretensjoni tal-attriċi tosta l-eċċezzjoni tal-ġudikat, sollevata mill-konvenut. Tabilħaqq, jirriżulta li b'sentenza tad-9 ta' Jannar, 1951, fil-kawża fl-ismijiet "Sciberras vs. Schembri", din il-Qorti, anki fuq eċċezzjoni ta' l-attriċi konvenuta f'dik il-kawża, waslet għall-konklużjoni li hija mhux biss mhijiex il-proprjetarja tal-kantina, imma li hija lanqas ma hi komproprjetarja fiha. Tassew li dik il-kawża, għalkemm bejn l-istess partijiet, ma kellhiex l-istess oġġett u proprjament l-istess kawżali tal-kawża odjerna; imma l-istess kawża kienet ġiet proposta minn Antonio Sciberras fuq il-premessa li huwa kien il-proprjetarju esklużiv tal-kantina; u Grazia Camilleri kienet opponiet it-talba ta' Antonio Sciberras preċiżament billi allegat illi kienet komproprjetarja tal-imsemmija kantina. L-eżitu ta' dik il-kawża kien, għalhekk, jiddependi unikament mill-fatt jekk Grazia Camilleri kienetx jew le komproprjetarja tal-kanti-

na; u din il-Qorti laqgħet it-talba ta' Antonio Sciberras in vista, kif irriteniet fil-konsiderandi ta' dik is-sentenza, li Grazia Camilleri ma kellhiex titolu ta' komproprjetà fil-fond, u kwindi fil-kantina, ta' Antonio Sciberras;

Jista' jingħad li f'dik il-kawża, kif ġie rilevat, l-oġġett u l-"causa petendi" ma kienux dedotti għad-dikjarazzjoni li l-attriċi hi komproprjetarja tal-kantina, u li l-imsemmija sentenza ma għamlet ebda dikjarazzjoni f'dan is-sens. Però hu magħruf li, għalkemm ma jistax jiġi eċċepit il-ġudikat fid-difett tar-rekwiżit tal-identità tad-domandi, il-ġudikat hu valevoli biex jiddefinixxi d-domanda sussegwenti li, għalkemm mhix identika għal dik definita bil-ġudikat, tkun fondata fuq l-istess "ratio petendi" (Vol. XXVIII-I-519); u hemm lok għall-eċċezzjoni tal-ġudikat anki meta l-meritu tal-kawża, għalkemm distint minn dak tal-kawża ta' qabel, jifforma parti mill-istess ħaġa, jekk il-punt kontrovers ikun l-istess (Vol. XXX-I-131); u għalkemm, biex jista' jiġi nvokat il-ġudikat, hemm bżonn l-identità tal-oġġett, din l-identità ma hemmx bżonn tkun assoluta, basta li jkun hemm l-identità fuq il-punt kontrovers, jew l-oġġett fit-tieni ċitazzjoni jidħol bħala parti integrali tal-oġġett aktar ampju dedott fl-ewwel ċitazzjoni (Vol. XXXII-II-243). L-attriċi ma tistax f'din il-kawża terġa tiftaħ it-trattazzjoni tal-istess punti fl-istess kwistjoni provokata minnha f'dik il-kawża, li ġa ġew diskussi f'kawża li għaddiet f'ġudikat (Vol. XXXII-II-249);

Hu veru li l-liġi tiddistingwi biċ-ċar bejn il-motiv u d-dispożittiv, u trid li kull dikjarazzjoni li fil-ħsieb tal-Qorti hi deċiżiva u obligatorja għandha tifforma parti mid-dispożittiv, b'mod li, biex jiġi stabbilit jekk is-sentenza ta' qabel tiġġustifikax l-eċċezzjoni tal-ġudikat, għandu jiġi eżaminat id-dispożittiv ta' dik is-sentenza, u mhux il-motivazzjoni tagħha (Vol. XXIX-I-1155); imma hu veru wkoll li r-raġunament fil-motivazzjoni ta' sentenza u l-konklużjoni meħuda minnu fil-kors tal-istess motivazzjoni, għalkemm din il-konklużjoni ma tiffurmax parti mid-dispożittiv tal-istess

sentenza, jikkostitwixxu deċiżjoni impliċita, kemm il-darba dik il-konklużjoni tkun iffurmat il-bażi u kienet neċessarja biex twassal razzjonalment għad-dispożittiv espress; deċiżjoni impliċita bħal din għandha l-awtorità kollha tal-ġudikat (Vol. XXVIII-I-740), billi hemm ġudikat impliċitu meta d-deċiżjoni tkun konsegwenza neċessarja ta' dispożizzjoni espressa. Il-volontà tal-ġudikant tista' tittieħed anki mill-konsiderandi tas-sentenza; id-dispożittiv ma għandux jittieħed separatament mill-motivat, imma għandu jiġi minn dan definit u spjegat (Vol. XXX-I-131);

Għalhekk hu evidenti li bid-domanda magħmula mill-attriċi f'din il-kawża, rigward it-tieni pretensjoni tagħha, hija trid tiddistruġġi l-ġudikat fuq imsemmi; liema ħaġa ma tistax issir, għaliex, wara li sentenza tkun għaddiet f'ġudikat, mhumiex aktar ammissibbli eċċezzjonijiet ġodda li jkollhom l-iskop li jiddistruġġu jew jirrestrinġu l-ġudikat. Ir-regola "tantum judicatum quantum discussum" tipproċedi biss fis-sens li wara l-ġudikat jistgħu jiġu proposti, diskussi u ammessi eċċezzjonijiet ġodda li jkunu konċiljabbli mal-ġudikat (Coen, voce "Cosa Giudicata", para. 146); u hu ċar li din il-pretensjoni tal-attriċi hi inkonċiljabbli mal-ġudikat fuq imsemmi. Il-ġudikat josta li jiġu sollevati kwistjonijiet ġodda assorbiti mill-ġudikat li jkun ser irrevokabbli (Coen, idem para. 322); u din il-kwistjoni tal-attriċi tinsab assorbita b'dak il-ġudikat;

Illi, billi t-tieni pretensjoni tal-attriċi ma tistax tiġi milqugħa, lanqas ma tista' tiġi milqugħa t-tielet pretensjoni avanzata minnha. Infatti, ladarba l-attriċi ma għandhiex il-proprjetà, u lanqas il-komproprjetà, tal-kantina, hija ma għandhiex iżjed interess fl-istess kantina jew fit-twieqi li jagħtu għaliha;

Illi l-konklużjoni tal-perizja legali b'rigward tar-raba' pretensjoni tal-attriċi għandha tiġi milqugħa. Kif ġie sottomess fil-perizja, ġie biżżejjed pruvat illi t-tieqa fil-kwistjoni ilha li ngħalqet għal ħafna żmien; u hu żgur li fis-sena

1933, meta saret id-diviżjoni ġa msemmija, din il-biċċa kienet ġa mbarrata, u Maddalena Schembri kienet kuntenta li jiġi mogħti bħala sehemha l-fond fl-istat li kien f'dak iż-żmien;

Rat in-nota tal-appell tal-attriċi, u rat il-petiżżjoni tagħha fejn talbet li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi jiġu milqugħa d-domandi dedotti bl-att taċ-ċitazzjoni; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-ewwel pretensjoni tal-appellanti tirrigwarda l-proprjetà tal-kamra markata "N" fil-pjanta fil-fol. 99 tal-proċess u tal-kantina li tiġi taħt l-ambjenti A. B. u C. fl-istess pjanta...... Mill-provi li saru jirriżulta konkludentement li l-imsemmija kamra ilha żmien twil inkorporata, kif inhi l-lum, mal-fond tal-konvenut, u kienet tinsab hekk minn qabel ma saret id-diviżjoni bejn Nicola Schembri, Maddalena Schembri u ħuthom, fl-atti tan-Nutar Giovanni Chapelle tal-10 ta' April 1933. Dan l-att kien ġie magħmul biex jagħti forma legali lill-qasma materjali li kienet ġa saret bejn il-kontendenti. B'dak l-att Maddalena Schembri u ħutha assenjaw lil Nicola Schembri, awtur tal-konvenut, il-fond numru 118 u 120 (il-lum nri. 54 u 56), Eucharistic Congress Road, Mosta. Dik l-assenjazzjoni saret tal-fond kif kien dak iż-żmien, jiġifieri bil-kamra "N" miegħu, mingħajr ebda riżerva jew protesta da parti tal-imsemmija Maddalena Schembri, li kienet taf bl-istat ta' fatt kreat mill-qasma materjali preċedentement magħmula, kif ukoll li l-att tal-qasma sar biex tingħata forza legali lil dak l-istat ta' fatt. L-imsemmi atteġġjament ta' Maddalena Schembri mhux kompatibbli mal-pretensjoni mressqa l-lum mill-appellanti; billi, jekk qatt kellha xi drittijiet, messha ġiebithom il-quddiem qabel l-att tad-diviżjoni, u mhux tippreġudikahom, kif għamlet, bl-assenjazzjoni tal-imsemmi fond numri 54 u 56, fl-istat li kien allura, favur ħuha Nicola Schembri;

Ikkunsidrat;

Illi, kwantu għall-kantina sottoposta għall-fondi tal-attriċi numri 68 u 60 Eucharistic Congress Road, Mosta, il-konvenut appellat issolleva l-eċċezzjoni tar-"res judicata", u l-Ewwel Qorti laqgħet dik l-eċċezzjoni, billi bl-imsemmija sentenza tad-9 ta' Jannar 1951, in re "Sciberras vs. Schembri", kien ġie ritenut li l-appellanti mhijiex proprjetarja, u anqas komproprjetarja, tal-kantina in kwistjoni;

F'dik il-kawża, Antonio Sciberras, konvenut f'din il-kawża, wara li ppremetta li mal-post minnu akkwistat minn għand Nicola Schembri fl-atti tan-Nutar Emmanuele Pio Debono tat-13 ta' Jannar 1945, hemm kantina, u li l-konvenuti Maddalena Schembri u Grazia Camilleri, attriċi tal-lum, għamlu xi aperturi u kienu qegħdin jippreparaw biex jiftħu bieb għal dik il-kantina, talab li jiġu kundannati jagħmlu kollox kif kien qabel. Kontra dik it-talba, Maddalena Schembri u Grazia Camilleri eċċepew li huma kellhom id-dritt jagħmlu li għamlu, billi huma, jew aħjar Maddalena Schembri, hija komproprjetarja fl-imsemmija kantina. Il-Qorti, wara li rriteniet li l-fond kien ta' Sciberras, u li l-allegazzjoni tal-komproprjetà sollevata mill-konvenuti ma ġietx sostnuta, iddeċidiet adeżivament għat-talba tal-imsemmi Sciberras. Huwa evidenti li dik it-talba, kif jidher mill-premessi taċ-ċitazzjoni, kienet bażata fuq il-proprjetà tal-kantina, u l-konvenuti opponew l-istess talba billi eċċepew li kienu komproprjetarji ta' dik il-kantina. Il-Qorti skartat din l-eċċezzjoni tal-konvenuti, u laqgħet it-talba tal-attur. Wara dan kollu, l-appellanti pproponiet il-preżenti istanza in bażi għall-pretensjoni li hija l-proprjetarja unika tal-kantina; u qegħdha titlob dikjarazzjoni f'dan is-sens;

Li din il-pretensjoni hija inkompatibbli mas-sentenza fuq imsemmija tad-9 ta' Jannar, 1961, hija ħaġa evidenti, billi, kieku l-istess pretensjoni tiġi ritenuta fondata, dan isir kuntrarjament għal dak li ġie ritenut b'dik is-sentenza, li

b'hekk tiġi newtralizzata; ħaġa din legalment [illegible] bli, billi r-rabta tal-ġudikat hija talment effikaċi [illegible] hija appuntu ntiża biex tevvja, għal dak l-istat ta' inkert [illegible] tibbiltà. Għalkemm fid-dispożittiv tal-imsemmija sentenza tad-9 ta' Jannar, 1961, jingħad biss li ġiet milqugħa t-talba tal-attur, iżda dan id-dispożittiv kien inxindibbilment marbut mal-punt riżolut fil-konsiderandi preċedenti, jiġifieri li Antonio Sciberras kien il-proprjetarju tal-kantina, mentri l-konvenuti Madalena Schembri u Grazia Camilleri ma ġġustifikawx il-pretensjoni tagħhom tal-komproprjetà f'dik il-kantina, b'mod li l-istess dispożittiv għandu jiġi nterpretat għat-tenur u bħala konsegwenza ta' dak il-punt;

Ġie ritenut minn din il-Qorti li hemm lok għall-eċċezzjoni tal-ġudikat anki meta l-meritu tal-kawża, għalkemm distint minn dak tal-kawża ta' qabel, jifforma parti mill-istess ħaġa, jekk il-punt kontrovers ikun l-istess (Vol. XXX-I-131);u hemm ġudikat impliċitu meta d-deċiżjoni tkun konsegwenza neċessarja tal-motivazzjoni espressa, billi l-volontà tal-ġudikant tista' tittieħad anki mill-konsiderandi tas-sentenza. Għalhekk, meta dawn il-konsiderandi juru b'mod ċar li l-ġudikant irritjena mhux fondata xi eċċezzjoni, ikun jidher li huwa espliċitament irrespinġiha, għalkemm id-dispożittiv ma jsemmi xejn fuqha, billi ma għandux jittieħed separatament mill-motivat (Vol. XXVIII-I-740; Vol. XXXVI-I-75; App. Ċivili 26 ta' Ġunju, 1935, in re "Cassar vs. Cassar"; u App. Ċiv. 27 ta' Novembru, 1937, in re "Vincenti vs. Ebejer"). In bażi għall-premess, għamlet sewwa l-Ewwel Qorti li ddeċidiet li josta l-ġudikat għall-pretensjoni dedotta mill-appellanti li hija l-proprjetarja tal-kantina fuq imsemmija;

Ikkunsidrat;

Illi, ritenut li l-appellanti mhix proprjetarja, u anqas komproprjetarja ta' dik il-kantina, hija ma jista' jkollha ebda nteress fiha, u anqas fit-twieqi li jagħtu għaliha. U kwantu

għall-aħħar pretensjoni ta' l-appellanti, dwar it-tieqa li kien hemm fil-kamra ta' wara l-ħanut numru 58, dik it-tieqa ilha żmien twil magħluqa, u kienet diġà hekk meta saret id-diviżjoni fis-sena 1933; u għalhekk Maddalena Schembri rċeviet il-fond kif inhu l-lum, u kienet kuntenta li tirċevieh hekk. In vista ta' dan ma hemmx għalfejn isiru l-provi offerti mill-appellat bir-rikors tal-21 ta' Marzu 1957;

Ikkunsidrat;

Illi għar-raġunijiet fuq miġjuba, u għal dawk tal-Ewwel Qorti, li huma adottati, l-appell ma jistħoqqlux jiġi milqugħ, u għandu jiġi respint;

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-attriċi appellanti.